MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 45/2023 LM

**Carmen Portelli (K.I. nru. 109473(M))**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**1. Enemalta plc (C 65386)**
**2. Automated Revenue Management Services Limited (C 46054)**
**3. Water Services Corporation**
**4. u permezz ta' digriet li ngħata fil-5 ta' Novembru 2015 ġew kjamati f'dawn il-proċeduri Louis u Josephine konjuġi Camilleri u Lawrence u Pauline konjuġi Camilleri; u in segwitu għall-mewt ta' Louis Camilleri u martu Josephine Camilleri, l-atti ġew trasfużi f'isem uliedhom Francis Xavier Camilleri, Dorothy Callus u Rose Marie Mifsud**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Carmen Portelli (K.I. nru. 109473(M))** [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ

[minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’] fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta’ Malta [minn issa ’l quddiem ‘iċ-Ċentru’] tat-28 ta’ Marzu, 2023, [minn issa ’l quddiem ‘il-lodo arbitrali’], li permezz tiegħu t-Tribunal iddeċieda l-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tas-soċjetà **Enemalta p.l.c. (C 65386)** [hawnhekk ‘is-soċjetà Enemalta’], **Automated Revenue Management Services Limited (C 46054)** [hawnhekk ‘is-soċjetà ARMS’], **Water Services Corporation** [hawnhekk ‘il-korporazzjoni WSC’], u permezz ta’ digriet li ngħata fil-5 ta’ Novembru, 2015 ġew kjamati fil-proċeduri **Louis u Josephine konjuġi Camilleri, Lawrence u Pauline konjuġi Camilleri,** u in segwitu għall-mewt ta’ Louis Camilleri, l-atti ġew trasfużi f’isem uliedhom **Francis Xavier Camilleri, Dorothy Callus u Rose Marie Mifsud,** [hawnhekk dawn tal-aħħar flimkien ‘l-imsejħa fil-kawża Camilleri’], billi ddikjara:

*“Illi għalhekk fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet, b’referenza għat-talbiet tar-rikorrenti, it-Tribunal Arbitrali qed jilqa’ it-tieni talba tar-rikorrenti, u jgħaddi sabiex jiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjetà intimata Enemalta plc, kif ukoll l-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjetajiet intimati Automated Revenue Management Services Limited u Water Services Corporation, filwaqt illi b’referenza għat-talba rikonvenzjonali tas-soċjetà intimata Automated Revenue Management Services Limited, it-Tribunal Arbitrali qed jilqa’ l-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ relazzjoni ġuridika sollevata mill-kjamati in kawża, u qed jilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju, u qed jilqa’* in parte *t-talba ta’ Automated Revenue Management Services Limited u, filwaqt illi jillikwida l-ammont dovut lil Automated Revenue Management Services Limited fl-ammont kumplessiv ta’ sebat elef wieħed u għoxrin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€7,021.33), jordna lir-rikorrenti rikonvenuta Carmen Portelli tħallas lil Automated Revenue Management Services Limited is-somma msemmija ta’ sebat elef wieħed u għoxrin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€7,021.33), bl-imgħax mid-data tal-preżenti.*

*L-ispejjez ta’ dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati mill-partijiet kif gej: l-ispejjeż tar-rikorrenti u dawk tas-soċjetà intimata ARMS LIMITED u Water Services Corporation, inkluż tal-kontro-talba, għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti; l-ispejjeż ta’ Enemalta plc għandhom jiġu sopportati mill-istess Enemalta plc; l-ispejjeż tal-kjamati in kawża għandhom jiġu sopportati mill-istess kjamati in kawża.”*

**Fatti**

2. L-appellanta hija l-utenti reġistrata fuq il-kont tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma numru 101000023023 tal-fond bin-numru 47, Aristea, Triq Louis Scicluna, Fgura [minn issa 'l-fond'], u li sussegwentement ingħalaq fis-7 ta' Settembru, 2009. Jirriżulta li hija kienet biegħet l-imsemmi fond permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joe Cilia tat-30 ta' Settembru, 2014 lil Louis Camilleri u martu Josephine Camilleri u lil Lawrence Camilleri u martu Pauline Camilleri. L-imsejħa fil-kawża kienu sussegwentement waqqgħu l-fond u kkostruwew korp ta' bini konsistenti f'appartamenti u garaxxijiet. Iżda l-intimati jew min minnhom qegħdin jippretendu li għandhom jitħallsu l-ammonti dovuta għall-konsum stmat, *charges,* għaliex il-*meters* ma kienux instabu fil-fond, u arretrati.

**Mertu**

3. Fl-Avviż tal-Arbitraġġ u fid-Dikjarazzjoni tat-Talba tagħha, l-appellanta filwaqt li rrilevat li kienet qamet kwistjoni bejn il-partijiet dwar jekk hija tassew għandha tħallas lill-intimati jew min minnhom skont l-istimi relattivi, u jekk iva allura f'liema somma hija għandha titqies debitriċi, talbet lit-Tribunal:

> *"1. Dikjarazzjoni li r-rikorrenti mhijiex debitriċi tal-intimati, jew min minnhom, fl-ammont ta' tnax-il elf disa' mija ħmistax-il Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€12,915.45) jew ammont verjuri;*
>
> *2. Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, dikjarazzjoni li r-rikorrenti hija debitriċi tal-intimati, jew minnhom, fl-ammont li jiġi stabbilit mit-Tribunal Arbitrali, occorrendo previa l-opera ta' periti nominandi;*
>
> *3. Kundanna kontra l-intimati, solidalment jew min minnhom, sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha ta' dan il-proċedment."*

4. Is-soċjetà Enemalta wieġbet fil-11 ta' Ġunju, 2015 fejn eċċepiet is-segwenti:

*"(i) Illi fl-ewwelnett u għall-kull bwon fini, Enemalta plc ġiet notifikata bl-Avviż tal-Arbitraġġ fil 25 ta' Mejju 2015;*

*(ii) Illi preliminarjament, Enemalta teċċepixxi li mhijiex il-leġittima kuntradittriċi biex twieġeb għall-allegazzjonijiet miġjuba fit-Talba bil-Miktub tar-rikorrent u ma tistax lanqas tiddefendi ruħha in kwantu la tissemma fid-dikjarazzjoni tal-fatti u lanqas fit-talba u kwindi hija fl-impossibilità li tressaq kwalisasi forma ta' difiza għaliex l-ebda forma ta' talba ma ġiet imsemmija kontriha u lanqas rigward lilha;*

*(iii) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fis-sena 2010, AUTOMATED REVENUE MANAGEMENT SERVICES LIMITED (ARMS) ħadet bil-liġi l-amministrazzjoni u l-funzjonijiet tal-ħlas f'idejha f'isem l-Enemalta. Dan ifisser illi l-ARMS għan-nom u f'isem Enemalta għandha l-funzjoni taż-żamm ta' kontijiet li juri l-ammonti dovuti lil Enemalta, iżżomm il-kotba u dokumenti kollha dwar dak li jirrigwarda il-kontijiet, topera s-servizz ta' ġbir u kontijiet dwar somom dovuti lil Enemalta, tara li l-fornitura ta' enerġija elettrika lil kull konsumatur tiġi sospiża fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' somom dovuti lil Enemalta u b'mod ġenerali tagħmel kull att ieħor, inċidentali jew supplementari għal dak li ingħad qabel, li Enemalta, kien ikollha dritt tagħmel dwar u għall-finijiet ta' qari ta' meters, tiżmim ta' kontijiet u ġbir ta' kontijiet kif applikabbli għall-fornitura ta' enerġija elettrika. Għalhekk ai termini tal-Kap 272 u tal-Kap 355 tal-Liġijiet ta' Malta, l-korporazzjoni Enemalta ġiet mħollija mill-funzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kontijiet u l-ġbir ta' flus relatati ma' dawn il-kontijiet u għalhekk l-Enemalta ma tistax tirrispondi fuq l-ilment in kwistjoni dwar il-fattura in kwistjoni (dokument anness mat-Talba bil-Miktub)*

*(iv) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, irid jingħad illi dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex kulma għamlet is-soċjetà ARMS hi li bagħtet kont lil Carmen Farrugia (u mhux Carmen Portelli) u qatt ma kien hemm ilment marbut ma' dan il-kont ai termini ta' Skeda Numru 4 ta' Kap 387 tal-Liġgijiet ta' Malta dwar l-Arbitraġġ.*

*(5) Illi fil-mertu ukoll, l-Enemalta tiċħad l-allegazzjonijiet kollha mressqa fit-Talba bil-Miktub mir-rikorrent liema allegazzjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt."*

5. Is-soċjetà ARMS u l-Korporazzjoni WSC wieġbu fit-22 ta' Ġunju, 2015, fejn eċċepew kif ġej:

*"Illi fl-ewwel lok, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma teċepixxi li mhijiex il-leġittima kuntradittriċi biex twieġeb għall-allegazzjonijiet fil-konfront tagħha stante li hija s-Soċjetà Automated Revenue Management Services Limited li hija responsabbli għall-ħruġ ta' kontijiet tas-servizzi utili, ġbir ta' flus flimkien ma' funzjonijiet anċillari;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà u l-Korporazzjoni intimati jirrespinġu l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi hija l-attriċi li hija reġistrata fuq il-kont bin-numru 101000023023 u għalhekk hija għadha u tibqa' responsabbli għall-imsemmi kont sa meta dan il-kont jingħalaq jew jiġi trasferit fuq persuna oħra;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma jirriżultax illi ġiet intavolata applikazzjoni sabiex ikun hemm trasferiment tas-servizz minn fuqha għal fuq persuna oħra jew applikazzjoni sabiex jinqalgħu l-metres in kwistjoni;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fi kwalunkwe każ, is-soċjetà u l-Korporazzjoni intimati ma għandhomx ikunu kkundannati iħallsu l-ispejjeż ta' din il-proċedura."*

6. Is-soċjetà ARMS ippreżentat kontro-talba dakinhar stess, fejn spjegat li hija kienet qiegħda tippretendi:

*"1. Ħlas tal-ammont ta' erbatax-il elf, tlett mija u sitta u tletin ewro u ħamsin ċenteżmu (€14,336.50) rappreżentanti f'ħlas ta' kontijiet pendenti għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meters tal-ilma u tal-elettriku, spejjeż amministrativi inkluż ammonti debitati fuq il-kont stante li l-meters ma nstabux fuq is-sit,* connection *u* disconnection fees *ossia tnax il-elf, disa' mija u ħmistax-il ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€12,915,45) relatat mal-kont bin-numru 1010000023023 rigward il-fond indirizz 47, Aristea, Triq Louis Scicluna, Fgura, elf, mitejn u tlieta u tletin ewro u tmenin ċenteżmu (€1,233.80) relatat mal-kont bin-numru 101000139701 rigward il-fond bl-indirizz Carmen garage, Triq il-Mina ta' Hompesch, Żabbar u mija u sebgħa u tmenin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€187.25) relatat mal-kont bin-numru 101000264406 rigward il-fond bl-indirizz Apt 11, 271, Triq it-Torri, Sliema u dan hekk kif jidher fid-dokumenti annessi u mmarkati bħala* ***Dok. ARMS 1*** *sa* ***Dok. ARMS3.***

*2. Kundanna għal ħlas ta' imgħaxijiet kummerċjali, kif ukoll tal-ispejjeż ta' din il-proċedura u l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali skont l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta preżentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bin-numru 101/2014 u bl-imgħax kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv."*

7. L-appellanta wieġbet għall-kontro-talba fis-16 ta' Lulju, 2015 fejn eċċepiet is-segwenti:

*"1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal li jisma' r-rikonvenzjoni ta' ARMS għal dak li jirrigwarda l-kontijiet bin-numru 101000139701 u bin-numru 101000264406, in kwantu qatt ma kien hemm tilwima fir-rigward.*

*2. Bla ħsara għall-premess, ir-rikonvenzjoni ta' ARMS hija nulla u rritwali stante li ma saritx ai termini ta' l-Artikolu 30(3) tal-Kapitlu 387 tal-liġijiet ta' Malta, u dan stante li l-mertu ta' din ir-rikonvenzjoni ma jitnissilx mill-istess kuntratt kif trid il-liġi.*

*3. Bla ħsara għall-premess, l-ammont pretiż minn ARMS mhux dovut mill-eċċipjenti, għar-raġunijiet minnha ndikati fl-azzjoni prinċipali tagħha.*

*4. Bla ħsara għall-premess, l-ammont pretiż minn ARMS fir-rigward tal-fond "Aristea", 47, Triq Louis Scicluna, Fgura, ma huwiex* se mai *dovut mill-eċċipjenti, iżda minn Louis u Ġużeppa konjuġi Camilleri u minn Lawrence u Pauline konjuġi Camilleri, li akkwistaw l-imsemmi fond mingħand l-eċċipjenti permezz ta' kuntratt tat-30 ta' Settembru 2004 fl-atti tan-Nutar Joe Cilia, u kwindi l-imsemmija akkwirenti għandhom jiġu msejħin fil-kawża.*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

8. Permezz ta' nota ppreżentata waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju, 2018, l-appellanta ressqet eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni a tenur tal-para. (f) tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili kontra t-talbiet rikonvenzjonali.

9. Permezz ta' rikors ippreżentat fil-5 ta' Ottubru, 2015, l-appellanta talbet sabiex jiġu msejħa fil-proċeduri Louis Camilleri u martu Josephine Camilleri, u Lawrence Camilleri u martu Pauline Camilleri, u t-Tribunal għadda sabiex laqa' t-talba tagħha.

10. L-imsejħa fil-kawża Lawrence u Pauline konjuġi Camilleri, flimkien ma' Louis Camilleri, ippreżentaw it-tweġiba tagħhom fil-21 ta' Diċembru, 2015, fejn eċċepew kif ġej:

*"1) Preliminarjament, il-proċeduri odjerni huma nulli u bla ebda effett fil-Liġi stante li huma leżivi ghad-drittijiet fundamentali tal-esponenti kjamati fil-kawza;*

*2) Preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, in-nuqqas ta' kompetenza* ratione materiae*, u nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal Arbitrali biex jieħu konjizzjoni ta' kwalunkwe talba kif tista' tkun rivolta lejn l-esponenti kjamati fil-kawża, mingħajr preġudizzju għall-validità tal-proċedura kif rivolta fil-konfront tal-intimati oriġinali;*

*3) Preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika;*

*4) Preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, f'kull każ, it-talbiet tar-rikorrenti kif rivolti lejn l-esponenti huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Lġijiet ta' Malta;*

*5) Sussidjarjament, u biss jekk l-eċċezzjonijiet preċedenti ma jintlaqgħux, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt."*

11. Permezz ta' nota tal-1 ta' Settembru, 2016, Francis Xavier Camilleri, Rose Marie Mifsud u Dorothy Camilleri, ddikjaraw li huma kienu qegħdin jassumu l-atti minflok il-mibki missierhom Louis Camilleri.

**<u>Il-Lodo Arbitrali Appellat</u>**

12. Sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi ssir referenza għar-risposti li ġew ippreżentati mis-soċjetajiet intimati, dik tar-rikorrenti għall-kontro-talba tas-soċjetà intimata ARMS, u r-risposta tal-kjamati in kawża, u b'mod partikolari għall-eċċezzjonijiet preliminari sollevati f'dawn ir-risposti, li ser jiġu trattati separatament, u dan kif qed jiġi indikat hawn taħt:*

1. *L-eċċezzjoni ta' nullità ta' dawn il-proċeduri sollevata mill-kjamati in kawża, stante illi huma leżivi għad-drittijiet fundamentali tagħhom;*
2. *L-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza* ratione materiae *u nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal biex jieħu konjizzjoni ta' kwalunkwe talba li ġiet rivolta fil-konfront tal-kjamati in kawża;*

3. *L-eċċezzjoni tas-soċjetà intimata Enemalta dwar nuqqas ta' relazzjoni ġuridika;*
4. *L-eċċezzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li wkoll eċċepiet li mhijiex il-leġittima kuntradittriċi;*
5. *L-eċċezzjoni tal-kjamati in kawża dwar nuqqas ta' relazzjoni ġuridika;*
6. *L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-kjamati in kawża, ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
7. *L-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal li jisma' r-rikonvenzjoni ta' ARMS għal dak li jirrigwarda l-kontijiet bin-numru 101000139701 u 101000264406, u n-nullità u l-irritwalità tar-rikonvenzjoni ta' ARMS, stante li l-mertu ma jitnissilx mill-istess kuntratt;*
8. *L-eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni sollevata mir-rikorrenti rikonvenuta għat-talba rikonvenzjonali tas-soċjetà intimata ARMS Limited, ukoll ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*1. Eċċezzjoni ta' nullità tal-proċeduri odjerni, stante illi huma leżivi għad-drittijiet fundamentali tal-kjamati in kawża*

*Illi b'referenza għal tali eċċezzjoni, u permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet li ġiet ippreżentata mill-kjamati in kawża, saret referenza għad-deċiżjoni li ngħatat mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-atti tal-kawża fl-ismijiet* ***H Vassallo & Sons Ltd vs Avukat Ġenerali et (31/2008)****, li għaddiet in ġudikat fit-30 ta' Settembru 2011, u li in forza tagħha ġie dikjarat illi l-arbitraġġi mandatorji – bħal m'huwa dak odjern b'applikazzjoni tal-Artikolu 1.3 ta' Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta – għandhom jitqiesu leżivi għad-dritt ta' smigħ xieraq.*

*Illi r-rikorrenti, permezz tan-nota tal-osservazzjonijiet tagħha, laqgħet għal tali eċċezzjoni billi għamlet referenza għall-emendi li saru fil-liġi rilevanti, in segwitu għal tali deċiżjoni, u dan kif riflessi fl-Att dwar l-Arbitraġġ, proprju sabiex dak li ġie rilevat f'dik id-deċiżjoni jiġi mwettaq.*

*Illi f'dan ir-rigward issir referenza għall-Att IX tal-2010, fejn fost oħrajn, ġie introdott fl-Att prinċipali l-Artikolu 11A li jipprovdi illi kull parti f'arbitraġġ mandatorju, sakemm ma jkunux ftehmu espressament mod ieħor, jkollhom id-dritt li jressqu appell mid-deċiżjoni arbitrali kemm fuq fatti kif ukoll fuq punti ta' liġi quddiem il-Qorti tal-Appell.*

*Illi inoltre, jiġi osservat illi in segwitu għas-sentenza li ngħatat fil-kawża ċitata mill-kjamati in kawża, kien hemm deċiżjoni oħra tal-Qorti Kostituzzjonali, sussegwenti għal dik hawn fuq ċitata, u ċioe'* ***Untours Insurance Agency Limited noe et vs Victor Micallef et (81/2011)****, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar 2013, fejn saret*

*referenza kostituzzjonali in kwantu ġie allegat illi l-proċedura ta' arbitraġġ obligattorju hija bi ksur tal-jeddijiet tal-atturi, iżda filwaqt li dik il-Qorti iddikjarat illi;* "…il-qorti tibda biex tgħid illi taqbel li xejn ma hija ħaġa tajba illi fi żmien x'aktarx qasir ikun hemm deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali li jmorru kontra xulxin għax dan joħloq inċertezza fid-dritt. Dan iżda huwa inevitabbli meta, il-kompożizzjoni tal-qorti ma tkunx dejjem l-istess *…", imbagħad ipproċediet sabiex iddikjarat illi: "*Fuq il-kriterju ta' proporzjonalità bejn, min-naħa l-waħda, l-għan leġittimu tal-benefiċċju li l-istitut tal-arbitraġġ obbligatorju jagħti lill-organizzazzjoni ġudizzjarja ta' pajjiż u, min-naħa l-oħra, il-biża' mġebbed u ipotetiku …, u fid-dawl tal-klassi ta' tilwimiet soġġetti għal arbitraġġ obbligatorju, fil-fehma ta' din il-qorti ma hemmx tehdida attwali, vera u realistika lill-indipendenza tat-tribunal ta' arbitraġġ."

*Illi fid-dawl ta' dan l-insenjament, fejn l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali iddikjarat li proċeduri ta' arbitraġġ mandatorju m'humiex leżivi tad-drittijiet fundamentali tal-partijiet għal tali arbitraġġ, din l-eċċezzjoni sollevata mill-kjamati in kawża qed tiġi miċħuda.*

2. *Eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza ratione materiae u nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal biex jieħu konjizzjoni ta' kwalunkwe talba li ġiet rivolta fil-konfront tal-kjamati in kawża*

*Illi b'referenza għal din l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-kjamati in kawża, filwaqt illi ġie rikonoxxut minnhom illi "*Dan l-arbitraġġ huwa wieħed mandatorju skont ir-Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Liġi hija ċar[a] li l-Arbitragg Mandatarju f'każijiet ta' dawl u ilma huwa applikabbli f'każ ta' **disputa bejn il-provditur tas-servizz u l-utent tas-servizz**. …" *imbagħad għaddew sabiex iddikjaraw illi* "Isegwi, għalhekk, illi tali disputa hija, u għandha tkun, limitata bejn il-partijiet konċernati.*" Illi bid-dovut rispett, tali dikjarazzjoni hija kontradittorja għall-eċċezzjoni sollevata mill-istess kjamati in kawża, in kwantu qed jirrikonoxxu illi l-materja mertu ta' dawn il-proċeduri tinkwadra ruħha proprju fil-kompetenza u ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal Arbitrali, iżda jilmentaw illi tali azzjoni għandha tkun limitata bejn il-partijiet konċernati, u li għalhekk "…* ma humiex qed jirrikonoxxu l-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal Arbitrali."

*Illi jiġi umilment rilevat illi l-kompetenza u ġurisdizzjoni li bihom huwa vestit kwalunkwe Tribunal jew Qorti, huwa fattur oġġettiv, separatament u indipendentement mill-interess ġuridiku li partijiet, li jiġu msejjħa f'kawża quddiem tali Tribunal jew Qorti, jista' jkollhom in rigward l-azzjoni mressqa. Illi għalhekk, se mai, l-eċċezzjoni li tista' tkun applikabbli in rigward parti jew oħra fi proċeduri arbitrali u ġudizzjarji, hija li tali parti m'huwiex il-leġittimu kontradittur għall-azzjoni li tkun ġiet avanzata fil-konfront ta' dik il-parti. Iżda ċertament ma treġix din l-*

*eċċezzjoni sollevata mill-kjamati in kawża dwar nuqqas ta' kompetenza u ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal sabiex jiddeċiedi dwar it-talba tar-rikorrenti u l-kontro-talba tas-soċjetà intimata ARMS Limited; illi għalhekk, anke din l-eċċezzjoni sollevata mill-kjamati in kawża qed tiġi miċħuda.*

3. *Eċċezzjoni tas-soċjetà intimata Enemalta dwar nuqqas ta' relazzjoni ġuridika*

*Illi b'referenza għall-eċċezzjoni enumerata tnejn (2) kontenuta fir-risposta tas-soċjetà intimata Enemalta, fejn iddikjarat illi ma hijiex il-leġittima kontradittriċi sabiex twieġeb għall-allegazzjonijiet miġjuba mir-rikorrenti u ma tistax lanqas tiddefendi ruħha in kwantu ma tissemmix fid-dikjarazzjoni tal-fatti u lanqas fit-talbiet, kif ġie korrettement rilevat fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, għalkemm is-soċjetà intimata Enemalta plc ma tissemmix speċifikament fil-premessi u talbiet, madanakollu, "…* ir-rikorrenti fit-talba tagħha ttenni diversi drabi li qed tirreferi għall-"intimati, jew min minnhom", u dan naturalment skont dak li se jirriżulta mill-provi."

*Illi għalhekk tali eċċezzjoni, in kwantu ġiet imressqa in bażi għal tali argument, illi ebda waħda mit-talbiet tar-rikorrenti ma ġiet rivolta esklussivament u speċifikament fil-konfront tas-soċjetà intimata Enemalta, u għalhekk din m'hix il-leġittimu kontradittur, ma treġix.*

*Illi ssir referenza wkoll għall-eċċezzjoni enumerata tlieta (3) kontenuta fir-risposta tal-istess soċjetà intimata Enemalta, fejn ġie dikjarat illi s-soċjetà intimata ARMS "*ħadet bil-liġi l-amministrazzjoni u l-funzjonijiet tal-ħlas f'idejha f'isem l-Enemalta*", u dan b'effett mill-2010; jiġi osservat – anke b'referenza għax-xhieda ta' Reuben Bonnici, rappreżentant legali fi ħdan ARMS Limited – illi s-servizz ta'* billing *li llum-il ġurnata tipprovdih l-ARMS, preċedentement kienet tipprovdih il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, kemm għall-istess Korporazzjoni* ***kif ukoll*** *għall-Enemalta. Illi da parti tagħha, l-Enemalta kienet sal-2010 tipproċessa applikazzjonijiet għal tneħħija ta' meters u tibdil fil-persuni reġistrati, u dan kif xehedet dwaru Marisa Cassar, rappreżentant legali tal-Enemalta. Iżda, l-ħruġ ta' kontijiet għall-provvista ta' servizz ta' dawl jidher illi qatt ma kien isir mill-Enemalta stess, u filwaqt li issa jsir mill-ARMS, qabel kien isir mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma f'isem l-Enemalta wkoll.*

*Illi* ċiò nonostante, *u għalkemm jirriżulta mil-liġi stess illi, b'effett mill-2010, il-kontijiet tas-servizzi ta' dawl u ilma qed jinħarġu mis-soċjetà intimata ARMS, ġialadarba l-kontijiet mertu ta' dawn il-proċeduri jittrattaw dwar servizz ta' dawl, li tipprovdih is-soċjetà intimata Enemalta, u uħud mill-kontijiet jippreċedu l-2010, allura jsegwi illi jeżisti ness ġuridiku bejn ir-rikorrenti, qua l-persuna reġistrata li f'isimha kien irreġistrat il-meter tad-dawl, u s-soċjetà intimata Enemalta plc.*

*Illi għalhekk l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà intimata Enemalta plc, li m'hijiex il-leġittima kontradittriċi, qed tiġi respinta.*

4. *Eċċezzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li eċċepiet li mhijiex il-leġittima kuntradittriċi*

*Illi s-soċjetà intimata Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma wkoll eċċepiet illi m'hijiex il-leġittima kontradittriċi biex twieġeb għall-allegazzjonijiet fil-konfront tagħha, stante li s-soċjetà ARMS hija responsabbli għall-ħruġ ta' kontijiet tas-servizzi utili, ġbir ta' flus, flimkien ma' funzjonijiet anċillari.*

*Illi bħal ma ġià ġie rilevat in rigward is-soċjetà intimata Enemalta plc, l-istess għandu japplika in rigward il-Korporazzjoni intimata, u dan fis-sens illi, ġialadarba l-proċeduri odjerni jittrattaw dwar servizz ta' ilma li jiġi pprovdut mill-Korporazzjoni intimata, u jirrigwardaw kontijiet li jippreċedu wkoll l-2010, meta l-funzjonijiet ta'* billing *kien proprju amministrat u mwettaq mill-Korporazzjoni intimata, jsegwi illi jeżisti ness ġuridiku bejn ir-rkorrenti, qua l-persuna reġistrata li f'isimha kien irreġistrat il-meter tal-ilma, u l-Korporazzjoni intimata.*

*Illi għalhekk tali eċċezzjoni sollevata mill-Korporazzjoni intimata, li m'hijiex il-leġittima kontradittriċi, m'hix ġustifikata, u għalhekk qed tiġi respinta.*

5. *Eċċezzjoni tal-kjamati in kawża dwar nuqqas ta' relazzjoni ġuridika*

*Illi dwar din l-eċċezzjoni, kif korrettement ġie rilevat mir-rikorrenti fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħha, din torbot sfiq mal-mertu. Illi* ċiò nonostante*, u ġialadarba l-partijiet f'dawn il-proċeduri ressqu l-provi kollha tagħhom, inkluż dwar il-mertu tal-każ u mhux biss dawk in rigward l-eċċezzjonijiet preliminari, u tali provi huma riportati aktar 'l fuq f'din id-deċiżjoni, allura tali eċċezzjoni tista' u qed tiġi kkunsidrata hawn, f'din is-sezzjoni tad-deċiżjoni.*

*Illi l-eċċezzjoni tal-kjamati in kawża hija rivolta fil-konfront tat-talba rikonvenzjonali tal-ARMS għall-ħlas tas-somma hemm indikata; il-kjamati in kawża jikkontendu illi sabiex huma jistgħu jirrispondu għall-kontro-talba tal-istess soċjetà rikonvenjenti ARMS, jeħtieġ illi jiġi ppruvat li hemm rabta ġuridika bejnhom u s-soċjetà intimata in rigward il-kont/ijiet li s-soċjetà intimata ARMS qed titlob il-ħlas tagħhom. Illi l-esponenti taqbel mas-sottomissjoni tal-kjamati in kawża illi din il-prova ma nġiebet qatt.*

*Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irriżulta illi t-talba rikonvenzjonali tas-soċjetà intimata ARMS tirrigwarda l-kont bin-numru 1010 0002 3023. Illi f'dan ir-rigward xehed uffiċjal legali fi ħdan is-soċjetà intimata ARMS li kkonferma illi tali kont isejjaħ lil Carmen Farrugia, ir-rikorrenti. Illi għalkemm mir-records tas-soċjetà intimata*

*rriżulta illi kien hemm trasferiment tas-servizz, u ppreżenta dokument in rigward – Dok. RB 5 – jirriżulta kemm mix-xhieda ta' dan l-uffiċjal, u anke mix-xhieda tal-istess rikorrenti, illi lura f'Awwissu tal-2004, is-servizz ta' dawl u ilma fil-fond 47, Aristea, Triq Louis Scicluna, Fgura, kien inbidel minn isem Aldo Farrugia għal fuq isem ir-rikorrenti, Carmen Farrugia (née Portelli). Illi salv għal dan it-trasferiment, ma rriżulta ebda trasferiment ieħor tas-servizzi, u għalkemm irriżulta wkoll illi r-rikorrenti biegħet il-fond in kwistjoni lill-kjamati in kawża, u dan in forza ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Joe Cilia, datat 30 ta' Settembru 2004, ma rriżulta illi ġiet sottomessa ebda applikazzjoni mas-soċjetà intimata ARMS, jew mal-predeċessur tagħha, is-soċjetà intimata Enemalta plc, sabiex is-servizzi jiġu trasferiti għal fuq isem il-kjamati in kawża.*

*Illi għalkemm ir-rikorrenti xehdet illi l-qbil u intendiment mal-kjamati in kawża, qua akkwirenti tal-fond, kien fis-sens illi tali servizzi kellhom, in seġwitu għall-bejgħ lilhom tal-fond in kwistjoni, jiġu trasferiti għal fuq isem il-kjamati in kawża, jew minnhom, ma rriżulta illi sar ebda trasferiment; anzi, minn xhieda li ngħatat mill-uffiċjal rappreżentant tal-MEPA, Oliver Magro, irriżulta illi eventwalment saru diversi applikazzjonijiet minn terzi persuni sabiex jingħataw meters, u servizz, għal diversi units li kienu jifformaw parti mill-iżvilupp li sar fis-sit in kwistjoni. Illi rriżulta wkoll, b'referenza għax-xhieda ta' Reuben Bonnici, rappreżentant tas-soċjetà intimata ARMS, illi dan il-kont speċifiku ngħalaq mill-ARMS fis-7 ta' Settembru 2009, u li skont ir-records tagħhom, fiż-żmien in kwistjoni dan is-servizz kien għadu rreġistrat f'isem ir-rikorrenti.*

*Illi għalhekk, b'referenza għall-provi kweżiti u li għalihom saret referenza hawn fuq, l-esponenti tqis illi din l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni ġuridika, sollevata mill-kjamati in kawża, hija eċċezzjoni ġustifikata, u għalhekk filwaqt illi qed tilqa' tali eċċezzjoni, ser tgħaddi sabiex tillibera lill-kjamati in kawża mill-osservanza tal-ġudizzju.*

6. *Eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-kjamati in kawża, ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta*

*Illi fid-dawl tal-fatt illi ġiet akkolta l-eċċezzjoni preċedenti tal-kjamati in kawża, in kwantu ġie dikjarat li m'humiex il-leġittimi kontradittúri għat-talba rikonvenzjonali tas-soċjetà intimata ARMS, u konsegwentement, ġew illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju, jsegwi allura illi m'hemmx il-ħtieġa illi tiġi trattata l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-istess kjamati in kawża in rigward it-talba rikonvenzjonali tas-soċjetà intimata ARMS, in kwantu rivolta kontra tagħhom, u għal din ir-raġuni l-esponenti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni.*

7. *Eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal li jisma' r-rikonvenzjoni ta' ARMS għal dak li jirrigwarda l-kontijiet bin-numru 101000139701 u 101000264406, u n-nullità u l-irritwalità tar-rikonvenzjoni ta' ARMS, stante li l-mertu ma jitnissilx mill-istess kuntratt;*

*Illi għalkemm dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ġew sollevati mir-rikorrenti rikonvenuta bħala eċċezzjonijiet preliminari, effettivament dawn ġew trattati fil-mertu, in kwantu mill-provi mressqa mir-rappreżentant legali tas-soċjetà ARMS irriżulta illi dawn iż-żewġ kontijiet bin-numri 101000139701 u 101000264406, għalkemm ukoll f'isem ir-rikorrenti rikonvenuta, huma rreġistrati fuq proprjetà differenti, u li dawn kienu qed jitħallsu regolarment mir-rikorrenti, tant li fis-seduta tat-12 ta' April 2018, l-istess xhud iddikjara illi fuq il-kont bin-numru 101000264406 ma kien dovut ebda ammont.*

*Illi għalhekk, u in rigward dawn iż-żewġ kontijiet, jidher illi hemm qbil bejn il-kontendenti illi m'hemmx pendenzi bejniethom in rigward, u li għalhekk m'għandux ikun hemm pronunzjament in rigward ta' dawn iż-żewġ kontijiet intestati lir-rikorrenti.*

8. *Eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni sollevata mir-rikorrenti rikonvenuta għat-talba rikonvenzjonali tas-soċjetà intimata ARMS Limited, ai termini tal-Arikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi jiġi osservat illi din l-eċċezzjoni ġiet issollevata mir-rikorrenti rikonvenuta bħala eċċezzjoni ulterjuri, u dan fi stadju avvanzat tal-proċeduri, aktar speċifikament permezz ta' nota li ġiet ippreżentata fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2018. Illi kif korrettement ġie rilevat u osservat mill-abbli konsulent legali tas-soċjetà intimata ARMS fin-nota tal-osservazzjonijiet relattiva, huma applikabbli fil-konfront tar-rikorrenti, in rigward din l-eċċezzjoni, il-provvedimenti tal-liġi kif riżultanti minn Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvedimenti daħlu fis-seħħ f'Jannar 2017.*

*Illi jiġi osservat illi r-rikorrenti xehdet f'dawn il-proċeduri f'żewġ okkażjonijiet, in eżami u mbagħad in kontro-eżami, u l-kontro-eżami tagħha sar fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2017. Illi għalkemm ir-rikorrenti kkontestat it-talba rikonvenzjonali tas-soċjetà intimata ARMS għall-ħlas tas-somma dovuta lilha in rigward il-kont bin-numru 101000023023, kif ukoll in rigward iż-żewġ kontijiet l-oħra li, però, ġew imħallsa mir-rikorrenti, fl-ebda waqt ma ddikjarat bil-ġurament tagħha illi l-ammonti pretiżi mis-soċjetà intimata rikonvenjenti ARMS, senjatament dak fl-ammont ta' €12,915.45 relatat mal-kont bin-numru 101000023023, mhuwiex dovut. Illi għalkemm ir-rikorrenti rikonvenuta ressqet ir-risposta tagħha għat-talba tas-soċjetà ARMS, u ddikjarat illi l-ammont pretiż minn ARMS mhux dovut għar-*

*raġunijiet minnha ndikati fl-azzjoni prinċipali tagħha, madanakollu, fix-xhieda tagħha hi spjegat illi s-servizz kellu jdur għal fuq il-kjamati in kawża, iżda fl-ebda waqt ma ddikjarat illi ebda ammont m'huwa dovut lis-soċjetà ARMS in rigward il-kont in kwistjoni.*

*Illi l-Artikolu 2160(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi kif ġej:*

> "Il-preskrizzjoni imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, **2156** (enfasi tal-esponenti) u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partjiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."

*Illi kif ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet* ***P&S Limited et vs Noel Zammit et (279/2017)*** *li għaddiet in ġudikat fis-16 ta' Frar 2018;* "Li tgħid li d-dejn huwa preskritt, mingħajr ma tuża t-test li trid il-liġi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eċċezzjoni*." Illi f'dik l-istess sentenza ġie dikjarat inoltre: "*Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruħu mill-benefiċċju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, għandu (i) jixhed minn jeddu u (ii) jaghti l-ġurament waqt il-kawża li ma hux debitur. L-anqas ma jista' jgħid li ma jiftakarx li l-ħaġa ġiet imħallsa, għaliex dan ix-xorta ta' ġurament ħuwa riservat għall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-liġi il-kliem użat huwa "ma jiftakrux"."

*Illi applikat dan l-insenjament għall-każ in eżami, għalkemm ir-rikorrenti xehdet illi meta sar il-kuntratt tal-bejgħ tal-fond lill-kjamati in kawża hi ħallset il-bilanċ li kien dovut sa dakinhar fuq dan il-kont, madanakollu, fl-ebda waqt fix-xhieda tagħha ma ddikjarat speċifikament illi l-ammonti mitluba mis-soċjetà ARMS m'humiex dovuti. Anzi, fix-xhieda tagħha in kontro-eżami, ddikjarat li s-servizz ta' dawl baqa' jintuża mill-kjamati in kawża anke wara li hi biegħet il-fond, għaliex kien qed jiġi wżat jigger għax-xogħol ta' demolizzjoni tad-dar. Illi għalhekk ir-rikorrenti kienet taf illi s-servizz ta' dawl kien baqa' jiġi wżat għal xi żmien wara li hi biegħet id-dar, u għalkemm ir-rikorrenti tikkontendi illi għal tali użu għandhom iħallsu l-kjamati in kawża, tali kontestazzjoni ma tistax tiġi meqjusa bħala dikjarazzjoni bil-ġurament tagħha illi ebda ammont m'huwa dovut minnha.*

*Illi għalhekk, l-esponenti hija tal-fehma illi r-rikorrenti ma osservatx il-vot tal-liġi kif preskritt fit-termini tal-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mir-rikorrenti għat-talba rikonvenzjonali tas-soċjetà ARMS Limited, ma tistax tiġi akkolta.*

9. *Mertu*

*Illi fil-mertu, l-esponenti tqis li rriżulta sodisfaċentement ipprovat illi l-kont bin-numru 1010 0002 3023 li jittratta dwar servizz ta' dawl u ilma fil-fond 47, Aristea,*

*Triq Louis Scicluna, Fgura, kien irreġistrat f'isem ir-rikorrenti, u dan b'effett mid-9 ta' Awwissu 2004 (Dok. RB 5), sakemm il-kont ingħalaq fis-7 ta' Settembru 2009 (Dok. RB 1).*

*Illi rriżulta wkoll illi sussegwentement għal tali data tal-aħħar, u wara li fit-18 ta' Jannar 2014 saret spezzjoni fis-sit in kwistjoni minn uffiċjali mpjegati mas-soċjetà intimata, u peress illi rriżulta illi l-meters tad-dawl u tal-ilma ma nstabux, ġie miżjud mal-kont tar-rikorrenti s-somma ta' tliet elef Euro (€3,000), li kienet tirrappreżenta* charge *ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) għal kull meter li ma nstabx.*

*Illi għalkemm ir-rikorrenti tiddikjara u ssostni illi hi ħejjiet l-applikazzjonijiet opportuni sabiex, mal-bejgħ tal-fond lill-kjamati in kawża, kellu jsir ukoll it-trasferiment tas-servizzi għal fuqhom, tali trasferiment tas-servizz jidher illi baqa' qatt ma sar, u għalhekk is-servizzi in kwistjoni baqgħu rreġistrati f'isem ir-rikorrenti.*

*Illi rriżulta wkoll illi l-aħħar qari li ttieħed tal-meter tal-ilma kien fis-17 ta' Marzu 2006 (fattura datata 28 ta' April 2006, mehmuża ma' Dok. RB 4), meta l-bilanċ għall-konsum tal-ilma kien fl-ammont ta' €3,013.61, mentri rriżulta illi ma ttieħed ebda qari tal-meter tad-dawl, u li għalhekk il-fatturi kienu u baqgħu joħorġu fuq* estimates. *Illi f' dan ir-rigward, u b'referenza għall-ewwel fattura li nħarġet f'isem ir-rikorrenti in segwitu għat-trasferiment tas-servizz f'isimha (fattura datata 11 ta' Frar 2005, mehmuża ma' Dok. RB 4), u b'referenza għal dawk sussegwenti, jirriżulta illi l-kontijiet dejjem baqgħu jinħarġu in bażi ta'* estimates, *kemm għad-dawl u l-ilma, salv għal dik il-fattura waħda msemmija aktar 'l fuq fejn ittieħed il-qari darba waħda biss tal-meter tal-ilma, u dan madwar sena u nofs wara li l-fond in kwistjoni nbiegħ lill-kjamati in kawża. Illi jiġi osservat illi huwa proprju mid-data ta' dik il-fattura speċifika, datata 28 ta' April 2006, illi l-ammont dovut lill-ARMS fuq dan il-kont, spara 'l fuq. Illi mbagħad baqa' jiġi perjodikament awmentat b'ammonti żgħar, sakemm imbagħad reġa' kien hemm awment qawwi – u nspjegabbli, ġialadarba ma ttieħdux aktar* readings *u jidher illi lanqas ma kien hemm konsum – fil-fattura datata 24 ta' April 2008 (wkoll mehmuża ma' Dok RB 4); illi f'din il-fattura, l-ammont dovut ġie awmentat għal €7,608.46, meta fil-fattura preċedenti, dik datata 13 ta' Ottubru 2007, l-ammont li kien dovut kien ta' €3,253.88 (wkoll mehmuża ma' Dok. RB 4).*

*Illi fil-fattura datata 13 ta' Ottubru 2007 l-arretrati ġew indikati fl-ammont ta' €3,242.50, filwaqt illi fil-fattura sussegwenti, dik datata 24 ta' April 2008, l-arretrati ġew indikati fl-ammont ta' €7,579.50, u dan mingħajr ebda spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għal tali awment.*

*Illi meta l-fatturi li jinsabu mehmuża ma' Dok. RB 5 jiġu mqabbla mar-rendikont li jittratta dwar dan l-istess kont, Dok. RBX 3, l-ammonti riżultanti minn dawn iż-żewġ* sets *ta' dokumenti ma jaqblux ma' xulxin. Illi għalhekk ma jirriżultax, minn tali*

*dokumentazzjoni, kif ġie komputat l-ammont li s-soċjetà ARMS qed titlob il-ħlas tiegħu mingħand ir-rikorrenti.*

*Illi* ċiò nonostante*, u ġialadarba jirriżulta illi l-ammont li kien dovut skont il-fattura datata 28 ta' April 2006 kien in bażi ta'* reading *tal*-meter *tal-ilma, liema fattura kienet tammonta fit-total tagħha għal €3,118.78, tali fattura għandha tiġi meqjusa bħala korretta, u għandha tittieħed bħala l-bażi li fuqha għandu jiġi komputat l-ammont dovut lis-soċjetà ARMS. Illi mal-valur ta' din il-fattura għandhom jiġu miżjuda l-ammonti li jirriżultaw mill-fatturi sussegwenti indikati bħala* estimates*, kemm għad-dawl u għall-ilma, li jwasslu għal total ta'* ***€4,021.33****, eskluż l-arretrati li żdiedu inspjegabilment fil-fattura datata 24 ta' April 2008.*

*Illi ma' dan l-ammont għandu jigi mgħadud u miżjud l-ammont ta'* ***€3,000****, rappreżentanti c*-charge *għaż-żewġ* meters *li kienu fil-fond in kwistjoni u li ma nstabux. Illi minkejja l-kontestazzjoni tar-rikorrenti illi dawn kellhom jitneħħew mill-kjamati in kawża, jew jiġi trasferit is-servizz għal fuqhom, ġialadarba s-servizz u l-kont relattiv kien, u baqa', irreġistrat f'isem ir-rikorrenti sakemm dan ġie terminat, isegwi illi baqgħet responsabbli r-rikorrenti għal tali kont; u kien jispetta lir-rikorrenti li tassigura u taċċerta ruħha illi s-servizz rigward dak il-kont jiġi terminat jew trasferit. Illi dan ma sarx mir-rikorrenti, li għalkemm iddikjarat illi kkompletat formola sabiex isir it-****tibdil*** *fl-isem tal-persuna reġistrata, ikkonfermat illi hi personalment ma ssottomettitx tali formola; inoltre, in kontro-eżami kkonfermat ukoll illi hi ma ssottomettiet ebda applikazzjoni għat-****tneħħija*** *tal-meters. Illi għalhekk tali meters, bħas-servizz, baqgħu fir-responsabilità tar-rikorrenti sakemm eventwalment ġie terminat is-servizz u magħluq il-kont.*

*Illi għalhekk is-somma dovuta mir-rikorrenti rikonvenuta lis-soċjetà intimata rikonvenzjonali hija fl-ammont kumplessiv ta' sebat elef wieħed u għoxrin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€7,021.33).*

## L-Appell

13. L-appellanta appellat mil-lodo arbitrali quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ntavolat fit-12 ta' April, 2023, fejn qiegħda titlobha sabiex:

> *"... jogħġobha tvarja, tbiddel u tirriforma l-*lodo *mogħti fit-28 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet "Carmen Portelli vs. Enemalta plc, Automated Revenue Management Services Limited, Water Services Corporation; u permezz ta' digriet li ngħata fil-5 ta' Novembru 2015 ġew kjamati f'dawn il-proċeduri Louis u Josephine konjuġi Camilleri u Lawrence u Pauline konjuġi Camilleri; u in segwitu għall-mewt ta' Louis Camilleri u martu Josephine Camilleri, l-atti ġew trasfużi f'isem uliedhom Francis Xavier Camilleri, Dorothy Callus u Rose Marie Mifsud" (Arbitraġġ Numru EW 4375/2015) billi:*
>
> *(i) filwaqt li tikkonfermah sa fejn ċaħad l-eċċezzjonijiet ta' Enemalta plc, ta' ARMS u ta' WSC u sa fejn ordna li Enemalta plc u l-kjamati fil-kawża jbatu l-ispejjeż proprji u rispettivi tagħhom;*
>
> *(ii) tirrevokah, tħassru u tikkanċellah fil-kumplament tiegħu, u minflok tgħaddi biex tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, kif ukoll tiċħad il-kontro-talba ta' ARMS previa l-akkoljiment tal-eċċezzjonijiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-appellati jew min minnhom."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (i) it-Tribunal kellu jikkunsidra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt il-para. (f) tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili, ġaladarba hija kienet iddikjarat għall-fini tal-artikolu 2160 ta' dik il-liġi, li ma kienitx debitriċi tas-soċjetà ARMS; (ii) mill-provi ma kellux jirriżulta li hija għandha tħallas xi ammont għall-utilitajiet lis-soċjetà ARMS.

14. Il-Korporazzjoni WSC u s-soċjetà ARMS wieġbu permezz ta' risposta konġuntiva fit-2 ta' Mejju, 2023, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-appellanta, u tikkonferma l-lodo arbitrali għal dawk ir-raġunijiet li huma jfissru, bl-ispejjeż kontra l-istess appellanta.

15. Is-soċjetà Enemalta ppreżentat it-tweġiba tagħha fl-4 ta' Mejju, 2023, fejn hija wkoll talbet sabiex l-appell odjern jiġi respint, filwaqt li jiġi kkonfermat il-lodo arbitrali, u dan għar-raġunijiet li hija tispjega fit-tweġiba msemmija, u bl-ispejjeż kontra l-appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

16. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dawn fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet l-oħra.

*L-ewwel aggravju:* *[It-Tribunal kellu jikkunsidra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-para. (f) tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili]*

17. L-ewwel aggravju tal-appellanta jolqot il-kwistjoni tal-preskrizzjoni *o meno* tas-somma allegatament dovuta minnha. Tikkontendi li ġaladarba hija kienet iddikjarat li ma kienitx debitur tas-soċjetà ARMS, it-Tribunal kellu jikkunsidra l-eċċezzjoni tagħha ta' preskrizzjoni taħt il-para. (f) tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili. L-appellanta tissottometti li t-Tribunal qal li huwa ma setax jikkunsidra l-preskrizzjoni kwinkwennali li kienet qiegħda tiġi ssollevata minnha fil-konfront tal-kontro-talba tas-soċjetà ARMS, għaliex hija ma kienitx ottemporat ruħha mar-rekwiżiti tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, meta in kontro-eżami hija kienet xehdet li sussegwenti għat-trasferiment tal-fond, kien sar użu mid-dawl elettriku mill-imsejħa fil-kawża meta dawn għamlu użu minn *jigger.* Tikkontendi li skont l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, dak li huwa mitlub mill-parti li teċċepixxi l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156 tal-istess liġi, huwa li

din tiddikjara li mhijiex debitriċi, filwaqt li tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex tikkunsidra lilha nnifisha li mhijiex debitriċi, fejn mhux neċessarju li dawn ikunu tajbin oġġettivament. L-appellanta ssostni li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi kkunsidrata waħedha ġaladarba jittieħed il-ġurament *ai termini* tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16, u b'hekk ma kellhiex tiġi milquta mid-deċiżjoni tat-Tribunal li hija leġittimu kuntradittur. Tgħid li t-Tribunal ma kienx korrett meta kkunsidra li r-raġunijiet li kellu jressaq l-eċċipjent tal-preskrizzjoni, kellhom ikunu fondati sabiex l-istess ma jitqiesx li hu debitur. L-appellanta tinsisti li hawnhekk it-Tribunal kien żbaljat, għaliex jekk il-liġi tassew kienet titlob li r-raġuni għandha tkun waħda tajba, id-deċiżjoni li ssegwi ma kienitx tolqot il-preskrizzjoni iżda l-mertu proprju, u l-eċċezzjoni ssir superfluwa.

18. Il-Korporazzjoni WSC u s-soċjetà ARMS fit-tweġiba tagħhom, jirrilevaw li dan l-aggravju tal-appellanta jolqot proprju l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. Isostnu li l-appellanta qiegħda tinterpreta b'mod żbaljat il-lodo arbitrali, u dan għaliex dak li effettivament qal it-Tribunal meta ċaħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kien li *"fl-ebda waqt fix-xhieda tagħha ma ddikjarat speċfikament illi l-ammont mitluba mis-soċjetà ARMS m'humiex dovuti".* Jispjegaw li filwaqt li t-Tribunal għaraf li l-appellanta kienet qiegħda tisħaqq li għandhom ikunu l-imsejħa fil-kawża li jħallsu għall-konsum wara li sar it-trasferiment tal-fond, qal li *"tali kontestazzjoni ma tistax tigi meqjusa bħala dikjarazzjoni bil-ġurament tagħha illi ebda ammont m'huwa dovut minnha",* u għalhekk għaraf li l-appellanta ma kienitx imxiet skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16, u l-eċċezzjoni tagħha ma setgħetx tiġi milqugħa. Jissottomettu li fejn it-Tribunal ikkunsidra li l-kontestazzjonijiet tal-appellanta ma setgħux jitqiesu bħala dikjarazzjoni li l-ebda ammont ma kien dovut, il-lodo arbitrali kien

konformi mas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tas-16 ta' Frar, 2018 fl-ismijiet **P&S Limited et *vs.* Noel Zammit et**, li ċċita t-Tribunal. Il-Korporazzjoni WSC u s-soċjetà ARMS jirrilevaw li skont dik il-Qorti *"...l-ġurament li jrid jieħu l-konvenut minn jeddu jrid ikun ukoll ritwalment skont il-formula kif stabbilita fl-artikolu 2160, u jekk din ir-ritwalità ma tiġix osservata għalhekk il-ġurament ma jgħoddx u l-konvenut ma jkunx jista' jibbenefika mill-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li jkun ta".* Jiċċitaw ukoll dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati (Ċivili) tas-6 ta' Frar, 2023 fl-ismijiet **Karen Camilleri *vs.* Alliance Francaise de Malta – Mediterranee**. Jirrilevaw li l-appellanta xehdet waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru, 2015 u anki tas-27 ta' Ottubru, 2015, fejn fl-ewwel seduta hija qalet li meta saret l-applikazzjoni li ġiet esebita u mmarkata Dok. RB5, *'ma kien hemm ebda bilanċ dovut lill-entitajiet konċernati".* Jgħidu li fix-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta, Reuben Bonnici spjega li l-imsemmija applikazzjoni saret fid-9 ta' Awwissu, 2004, iżda l-ammont pretiż mis-soċjetà ARMS kif espress fil-kontro-talba tagħha fir-rigward tal-kont 1010000023023, kien għall-perijodu sussegwenti, u dan kien jidher mir-rendikont anness mal-kontro-talba u mmarkat Dok. ARMS1. Jirrilevaw ukoll li l-appellanta għalqet il-provi tagħha fis-seduta tal-10 ta' Jannar, 2017, jiġifieri wara li daħlu fis-seħħ l-emendi għall-artikolu 2160 tal-Kap. 16 permezz tal-Att I tal-2017. Huma jirrilevaw ukoll li l-appellanta xehdet anki in kontro-eżami waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru, 2017, iżda kif intqal mill-Qorti tal-Maġistrati (Ċivili) fis-sentenza fl-ismijiet **Automated Revenue Management Services Ltd *vs.* Lucas Imports Ltd**[1], il-liġi titlob li d-debitur jieħu l-ġurament tiegħu minn jeddu.

[1] 14.11.22.

19. Fir-risposta tagħha, is-soċjetà Enemalta tirrileva li meta ssir l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2160 tal-Kap. 16, għandhom jiġu mħarsa żewġ rekwiżiti, li huma (a) il-ġurament li wieħed mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa; u (b) fil-każ li jittieħed ġurament li wieħed mhux debitur, allura jingħataw ir-raġunijiet għaliex wieħed iqis li mhuwiex debitur. Tikkontendi li t-Tribunal ma setax jittratta l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ssollevata mill-appellanta, għaliex id-dikjarazzjoni tagħha saret qabel ma daħlu fis-seħħ l-emendi fil-liġi li laqtu l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, u l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tagħha saret wara, jiġifieri fis-sena 2018. Tgħid li fi kwalunkwe każ, id-dikjarazzjoni tal-appellanta ma kinitx tiswa għaliex kienet wisq ġenerika, u mhux skont il-liġi kif emendata. Tirrileva li anki l-appellanta fix-xhieda tagħha kienet qalet li sussegwenti għat-trasferiment tal-fond, l-imsejħa fil-kawża kienu għamlu użu mill-utilitajiet meta wżaw *jigger*, iżda din id-dikjarazzjoni ma kienitx sufficjenti skont il-liġi, u fi kwalunkwe każ kien kontradittorju l-argument tagħha li ma kienx hemm għalfejn ir-raġunijiet ikunu tajbin fil-mertu tagħhom. Is-soċjetà Enemalta hawnhekk ittenni għal darb'oħra li mhijiex il-leġittima kuntradittriċi tal-azzjoni mressqa mill-appellanta wara li s-soċjetà ARMS kienet ħadet ir-responsabbiltà tal-amministrazzjoni tal-ħlas f'idha.

20. Il-Qorti tagħraf li kif sewwa jirrilevaw il-Korporazzjoni WSC u s-soċjetà ARMS, it-Tribunal ma wasalx għad-deċiżjoni tiegħu skont dak li qiegħda tissottometti l-appellanta. Tagħraf li d-deċiżjoni tiegħu kienet motivata mill-kunsiderazzjoni li l-appellanta fl-ebda ħin ma ddikjarat meta kienet qiegħda tixhed, li l-ammonti pretiżi mhumiex dovuti. B'hekk ġustament it-Tribunal iddikjara li l-appellanta ma kienitx ottemporat ruħha ma' dak rikjest mill-artikolu 2160 tal-Kap. 16, u ċaħad l-eċċezzjoni tagħha ta' preskrizzjoni *ai termini*

tal-para. (f) tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16. Il-Qorti tagħraf li fl-ebda ħin it-Tribunal iddeċieda fuq xi raġuni li hija kienet tat sabiex tiġġustifika għaliex hija ma kienitx tqis lilha nnifisha li hija debitriċi. Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellanta mhux ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[It-Tribunal fuq il-provi quddiemu ma kellux jasal għall-konklużjoni li hija għandha tħallas xi ammont lis-soċjetà ARMS]*

21. L-appellanta tispjega li l-utilitajiet mertu tal-preżenti proċeduri kienu jinsabu fil-fond li permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Cilia tat-30 ta' Settembru, 2004, inbiegħ lill-imsejħa fil-kawża. Tgħid li skont kif xehed Lawrence Camilleri waqt is-seduta tal-10 ta' Jannar, 2018, l-imsemmi fond twaqqa' ftit xhur wara, u minfloku nbena blokk ta' appartamenti. Tikkontendi li mill-assjem tal-provi, jirriżulta ċar u mhux kontestat li l-utilitajiet ma kienux disponibbli lejn l-aħħar tas-sena 2004 jew lejn il-bidu tas-sena ta' wara, għaliex il-fond kien twaqqa', u kien proprju għalhekk li l-*meters* in kwistjoni ma nstabux meta saret spezzjoni snin wara. L-appellanta tirrileva li mill-kontijiet esebiti bħala Dok. RB4, kien jirriżulta li ma kienux inqraw il-*meters,* u għalhekk il-kontijiet huma stimi, u dan għajr kont tat-28 ta' April, 2006 għall-perijodu bejn l-20 ta' Settembru, 2005 u s-17 ta' Marzu, 2006, fejn jidher stranament li l-*meter* tal-ilma nqara. Tkompli tgħid li stramb ukoll huwa l-fatt li l-qari kien sarraf f'somma tonda ta' 1,900 *unit* li wassal għal kont ta' €2,090 bħala konsum, u €932.79 bħala *water surcharge.* L-appellanta tikkontendi li meta l-fattura relattiva tiġi meqjusa fil-kuntest tal-provi l-oħra, partikolarment ix-xhieda ta' Lawrence Camilleri, jirriżulta b'mod ċar li dawn kienu jikkontradixxu l-kontenut

tal-imsemmija fattura. Tirrileva li minkejja t-talba waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru, 2015 sabiex tiġi żvelata l-identità tal-*meter reader* tas-soċjetà ARMS, l-informazzjoni ma ngħatatx, u din il-persuna ma setgħetx tiġi mħarka sabiex tixhed. Tgħid li mbagħad, waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar, 2016, ir-rappreżentant tas-soċjetà ARMS kien iddikjara li huwa kien esebixxa t-tagħrif kollu dwar il-kont in kwistjoni u ma kellux iktar informazzjoni dwaru. L-appellanta tissottometti li l-fatturi esebiti bħala Dok. RB4, juru li fuq dan il-kont kien hemm biss ammonti żgħar dovuti, għajr għal dik il-fattura tat-28 ta' April, 2006, fejn kien hemm żieda inspjegabbli. Tikkontendi li s-soċjetà ARMS kienet naqset milli tissostanzja l-allegazzjoni tagħha li hija għandha tagħti, u dan filwaqt li t-Tribunal straħ fuq il-fatturi ppreżentati mis-soċjetà ARMS meta dawn (i) huma stimi, għajr waħda minnhom; (ii) fl-uniku każ fejn ma kienx hemm stima, kienu inverosimili ċ-ċirkostanzi tal-qari u r-riżultat tiegħu; (iii) huma inkonsistenti għal kollox mal-bqija tal-provi.

22. Il-Korporazzjoni WSC u s-soċjetà ARMS jibdew billi jispjegaw kif inhu mqassam id-dejn ta' €7,021.33, fejn dan jikkonsisti fis-segwenti komplessivament: (i) fattura tat-28 ta' April, 2006 ta' €3,118.78; (ii) il-konsum ta' dawl u ilma stmat fl-ammont ta' €902.55; (iii) *charges* għal żewġ *meters* li ma nstabux fil-fond, fl-ammont ta' €3,000. Jirrilevaw li ma jirriżultax li l-appellanta qiegħda tikkontesta dawn tal-aħħar, u għalhekk dik il-parti tal-lodo arbitrali li mhijiex appellata, għandha titqies bħala finali. Għal dak li jirrigwarda s-sottomissjoni tal-appellanta li ftit jista' jittieħed bħala affidabbli jew verosimili l-qari ndikat fil-fattura tat-28 ta' April, 2006, jgħidu li dan jinsab kontradett mix-xhieda tal-imsejjaħ fil-kawża Lawrence Camilleri mogħtija waqt is-seduta tal-10 ta' Jannar, 2017, li spjega li l-arloġġ tad-dawl kien tneħħa meta l-fond twaqqa',

filwaqt dak tal-ilma baqa' fil-post. Dwar l-allegat nuqqas ta' prova fir-rigward tal-istimi, il-korporazzjoni WSC u s-soċjetà ARMS jgħidu li l-appellanta m'għandhiex raġun, għaliex fejn il-*meters* ma jinstabux u l-konsum attwali ma jistax jiġi kkonfermat, il-liġi tagħti l-fakoltà li huma jistrieħu fuq stimi. In sostenn ta' dan, huma jagħmlu riferiment għas-subregolament 36(6) tar-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (L.S. 545.01), u jiċċitaw id-disposizzjonijiet tiegħu flimkien ma' dawk tar-regolament 2 tal-Ewwel Skeda. Jispjegaw li ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma (S.L. 545.03), għandhom disposizzjonijiet identiċi, u jagħmlu riferiment għas-subregolament 12(1) u l-Ewwel Skeda tagħhom. Għaldaqstant jgħidu li l-argument tal-appellanta li t-Tribunal kien skorrett meta straħ fuq il-fatturi ppreżentati, stante li dawn jikkonsistu biss fi stimi, ma kienx jiswa.

23. Is-soċjetà Enemalta twieġeb li meta sar it-trasferiment tal-fond, is-soċjetà ARMS ma kinitx ġiet debitament infurmata, u dan fejn l-appellanta saħansitra baqgħet tirċievi kontijiet għall-konsum tas-servizzi minn żmien għal żmien. Għal dak li jirrigwarda l-istimi, tispjega li dawn kienu nħarġu għaliex iż-żewġ *meters* ma kienux instabu.

24. Il-Qorti tikkunsidra li d-deċiżjoni appellata hija tajba, u kuntrarjament għal dak li qiegħda ssostni fuqu l-appellanta, it-Tribunal ma setax wasal għal konklużjoni differenti. It-Tribunal qabel xejn fid-deċiżjoni tiegħu rrileva li kien ġie sodisfaċentement ippruvat li l-kont tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma tal-fond kien ġie rreġistrat f'isem l-appellanta fid-9 ta' Awwissu, 2004[2], u

[2] Ara Dok. RB5.

sussegwentement ingħalaq fis-7 ta' Settembru, 2009.[3] Qal li kien ukoll irriżulta li wara din id-data fit-18 ta' Jannar, 2014 kienet saret spezzjoni minn uffiċjali tas-soċjetà WSC fis-sit fejn kien twaqqa' l-fond, iżda ma nstabux il-*meters* tad-dawl u tal-ilma, sabiex b'hekk mal-kont tal-appellanta ġie miżjud l-ammont ta' €3,000 rappreżentanti *charge* ta' €1,500 għal kull *meter* li ma nstabx. Il-Qorti hawnhekk iżżid tgħid li l-appellanta min-naħa tagħha ma offriet l-ebda spjegazzjoni dwar x'kien effettivament ġara minn dawn il-*meters,* li l-kont tagħhom hija baqgħet dejjem responsabbli tiegħu, sakemm ingħalaq flimkien mal-*meters* relattivi. U kif sewwa osserva t-Tribunal, għalkemm hija ddikjarat li kienet ippreparat l-applikazzjonijiet relattivi sabiex mal-bejgħ tal-fond isir ukoll it-trasferiment tas-servizzi għal fuq isem l-akkwirenti, dawn dejjem baqgħu reġistrati f'isimha.

25. Għal dak li jirrigwarda l-qari ta' dawn il-*meters,* it-Tribunal irrileva b'riferiment għall-fattura tat-28 ta' April, 2006 mehmuża ma' Dok. RB4, li l-aħħar qari tal-*meter* tal-ilma ttieħed fis-17 ta' Marzu, 2006 fejn il-bilanċ kien ta' €3,013.61, iżda rriżulta wkoll li ma kien ittieħed l-ebda qari tal-*meter* tad-dawl. B'hekk għaraf li l-fatturi sussegwenti kienu straħu fuq stimi. It-Tribunal irrileva li kien proprju minn dik id-data tat-28 ta' April, 2006 li l-ammont dovut lis-soċjetà ARMS żdied f'daqqa, iżda mbagħad wara dik id-data ż-żdiedet kienu f'ammonti żgħar, sakemm fil-fattura tat-24 ta' April, 2008 mehmuża ma' Dok. RB4, kien hemm żieda qawwija għal €7,608.46 mill-fattura ta' qabilha tat-13 ta' Ottubru, 2007, fejn l-ammont dovut kien ta' €3,253.88. Għaraf li dan l-awment kien wieħed inspjegabbli ġaladarba ma kienux ittieħdu aktar *readings,* u ma

[3] Ara Dok. RB1.

kien hemm l-ebda konsum. Kien proprju għal din ir-raġuni li l-Qorti tifhem li t-Tribunal fil-kalkolu tiegħu tas-somma dovuta, ġustament skarta l-awment li kkunsidra bħala irraġonevoli, ġaladarba ma kien hemm xejn fil-provi li seta' jiġġustifikah. It-Tribunal għalhekk irrileva li filwaqt li fil-fattura tat-13 ta' Ottubru, 2007 l-arretrati kienu ġew indikati fl-ammont ta' €3,242.50, l-arretrati fil-fattura ta' warajha tal-24 ta' April, 2008 kienu fl-ammont ta' €7,579.50, u dan mingħajr l-ebda spjegazzjoni u ġustifikazzjoni. Osserva wkoll li meta għamel paragun bejn il-fatturi mehmuża ma' Dok. RB5 u r-rendikont Dok. RBX 3, l-ammonti ma kienux jaqblu, u għalhekk ma kienx jirriżulta mill-istess dokumenti kif is-soċjetà ARMS kienet ikkalkolat l-ammont pretiż. Qal ġustament li ġaladarba l-ammont ta' €3,118.87 kien jirriżulta dovut skont il-fattura tat-28 ta' April, 2006 wara *reading* tal-*meter* tal-ilma, din il-fattura kellha titqies bħala waħda korretta. B'riferiment għax-xhieda ta' Lawrence Camilleri tal-10 ta' Jannar, 2018 fejn dan qal li l-fond kien beda jitwaqqa' biss ftit xhur wara li sar it-trasferiment tal-fond, l-appellanta targumenta li għalhekk mill-provi jirriżulta b'mod inekwivoku li l-utilitajiet ma kienux qegħdin jiffunzjonaw lejn l-aħħar tas-sena 2004 jew lejn il-bidu tas-sena 2005. Iżda kkunsidrat li l-fond inbiegħ permezz ta' kuntratt pubbliku ffirmat fit-30 ta' Settembru, 2004, il-Qorti tgħid li huwa verosimili li l-aħħar qari tal-*meter* tal-ilma sar fis-17 ta' Marzu, 2006, kif indikat fil-fattura tat-28 ta' April, 2006, proprju qabel ma twaqqa' l-fond. L-appellanta titfa' d-dubju fuq il-fatt li l-qari rriżulta f'1,900 *unit,* u għalhekk kont ta' €2,090 għall-konsum tal-ilma waħdu. Iżda l-Qorti tagħraf li ġaladarba l-kont kien għadu reġistrat f'isimha, u hija ma offriet l-ebda spjegazzjoni tajba għaliex il-pretensjoni tas-soċjetà ARMS m'għandhiex tintlaqa', hija ma tistax teħles mir-responsabbiltà tal-ħlas tal-konsum relattiv. L-appellanta tirrileva wkoll li mhux

spjegabbli l-fatt li kien sar qari tal-*meter* tal-ilma, iżda mhux dak tad-dawl. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tagħha, iżda tikkunsidra wkoll li l-argument ma jistax iwassal sabiex ixxejjen ir-responsabiltà tagħha għall-ħlas tal-imsemmi konsum. L-istess jingħad fir-rigward tad-dubju li titfa' fuq ir-riżultat tal-qari tal-*meter* li wassal għas-*'somma tonda ta' 1,900 unit tal-ilma'.* Hija tinsisti wkoll li meta waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru, 2015 hija talbet mingħand ir-rappreżentant tas-soċjetà ARMS sabiex tingħata l-isem tal-*meter reader,* dan baqa' mhux identifikat, u għalhekk ma setax jitressaq bħala xhud. Il-Qorti tosserva li meta xehed ir-rappreżentant tal-ARMS waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar, 2016, ma jirriżultax li l-appellanta reġgħet insistiet li tingħata l-isem tal-*meter reader,* u għalhekk l-argument tagħha mhux daqstant rilevanti. It-Tribunal kompla jgħid li mal-valur ta' dik il-fattura suriferita, kellhom jiżdiedu l-ammonti riżultanti mill-fatturi sussegwenti, fejn dawn kienu ndikati bħala stimi*,* u dan għad-dawl u għall-ilma, iżda eskluż l-arretrati li żdiedu b'mod inspjegabbli fil-fattura tal-24 ta' April, 2008. Wara li kkunsidra li kellu wkoll jiġi miżjud l-ammont ta' €3,000 rappreżentanti ċ-*charges* in konnessjoni mal-*meters* li ma nstabux fil-fond, għaliex kienet proprju hija responsabbli għalihom flimkien mas-servizzi rispettivi, ġaladarba hija baqgħet ma ssottomettiet l-ebda applikazzjoni għat-tneħħija tal-*meters* jew għal tibdil fl-isem tal-persuna reġistrata fuq il-kont. It-Tribunal sab li l-appellanta b'kollox kienet debitriċi fis-somma ta' €7,021.33. Il-Qorti tikkondividi dawn il-konklużjonijiet tat-Tribunal, u tagħraf mid-deċiżjoni appellata li huwa studja sew il-provi li kellu quddiemu qabel ma wasal għall-konklużjonijiet tiegħu. Min-naħa tagħha, l-Qorti m'għandha xejn x'iżżid iktar ma' dak kollu li ntqal fid-deċiżjoni appellata.

Għalhekk il-Qorti ma ssibx dan it-tieni aggravju tal-appellanta ġustifikat, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiċħad l-appell tal-appellanta, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-preżenti proċeduri għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**